Nru./No. 21,127
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023
Monday, 9th October, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 11,653
Government Notices *11,653*

Avviżi tal-Gvern 11,654
Notices *11,654*

Avviżi tal-Qorti ..... 11,654 - 11,656
Court Notices ..... *11,654 - 11,656*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1378

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President nhar is-Sibt, 7 ta' Ottubru, 2023.

Il-Prof. Frank Bezzina ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President.

Id-9 ta' Ottubru, 2023

Nru. 1379

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Ottubru, 2023, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1360 tal-4 ta' Ottubru, 2023, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Is-6 ta' Ottubru, 2023
(OPM/19/2022)

Nru. 1380

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA (KAP. 251)

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29 (1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, awtorizza r-rikonoxximent tal-għotja ta' dawn l-unuri mill-Ordni Sovran Militari u Ospitallieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, ta' Rodi u ta' Malta:

Promotion to:
Knight of Magistral Grace
Il-Prof. Alexander Felice

Dame of Magistral Grace
Is-Sa Roberta Gabaretta nèe Vassallo Cesareo
Is-Sa Paula Julia Pace
Is-Sa Daria Clark von Weyhausen nèe Atwell

Admission as:

Magistral Chaplain
Ir-Rev. Monsignor Michael Bugeja
Ir-Rev. Fr Gordon Refalo

It-28 ta'Awwissu, 2023
COF-575-1962-XIV SMOM

GOVERNMENT NOTICES

No. 1378

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Saturday, 7th October, 2023.

Prof. Frank Bezzina has ceased to perform the function of President.

9th October, 2023

No. 1379

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Friday, 6th October, 2023, and that the arrangements made by Government Notice No. 1360 of the 4th October, 2023, ceased to have effect accordingly.

6th October, 2023

No. 1380

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT (CAP. 251)

IT is hereby notified that in accordance with Article 29 (1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the recognition of the conferment of the following honours by the Sovereign Military Hospitaller Order of St John of Jerusalem, of Rhodes and of Malta:

Promotion to:
Knight of Magistral Grace
Prof. Alexander Felice

Dame of Magistral Grace
Mrs Roberta Gabaretta nèe Vassallo Cesareo
Ms Paula Julia Pace
Mrs Daria Clark von Weyhausen nèe Atwell

Admission as:

Magistral Chaplain
Rev. Monsignor Michael Bugeja
Rev. Fr Gordon Refalo

28th August, 2023

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidat nominat skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Ħal Għaxaq huwa dan li ġej, jiġifieri:

Kandidat Nominat

ANTHONY VELLA

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Andreas Gatt għal-Lokalità ta' Ħal Għaxaq, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), nhar it-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023 mid-9.00 a.m. fis-Sala tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Id-9 ta' Ottubru, 2023

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that the candidate nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Ħal Għaxaq is the following that is:

Nominated Candidate

ANTHONY VELLA

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Andreas Gatt for the Locality of Ħal Għaxaq, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), on Tuesday, 10th October, 2023 from 9.00 a.m. at the Counting Hall Complex, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

9th October, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1982

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Lulju, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 445/2023GG, li ġie ppreżentat fit-22 ta' April, 2023, fl-ismijiet: HSBC Bank Malta plc vs Spiteri Simon, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' mija u għaxart elef u erbgħa u sittin ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€110,064.58ċ) dovut kif premess. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-6 ta' Diċembru, 2023, fl-11.45 a.m.

Notifika Intimat: Spiteri Simon, 13, Blk A, Upper Valley Mansions, Triq il-Progress, Il-Kalkara

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 13th July, 2023, in the acts of Sworn Application number 445/2023GG, which was presented on the 22nd April, 2023, in the names: HSBC Bank Malta plc vs Spiteri Simon, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: It condemns the defendant to pay the plaintiff society the amount of one hundred and ten thousand and sixty-four euro and fifty-eight cents (€110,064.58c) due as stated. With all the costs and the legal interest against the defendant who is now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 6th December, 2023, at 11.45 a.m.

Notification Respondent: Spiteri Simon, 13, Blk A, Upper Valley Mansions, Triq il-Progress, Kalkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Settembru, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Register of the Superior Courts, today 28th September, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1983

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-12 ta' Settembru, 2023, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 307/2023LM, li ġie ppreżentat fis-6 ta' Ġunju, 2023, fl-ismijiet: Camilleri Mary Louise sive Louise et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni pekunjari u non pekunjajri hekk likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

By decree issued by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 12th September, 2023, in the acts of Constitutional Application number 307/2023LM, which was presented on the 6th June, 2023, in the names: Camilleri Mary Louise sive Louise et vs State Advocate et, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: It condemns the respondent State Advocate to pay the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages thus liquidated and in terms of law, with legal interest until the date of effective payment. With the costs against the respondents who are now summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-29 ta' Novembru, 2023, fid-9.10 a.m.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 29th November, 2023, at 9.10 a.m.

Notifika Intimat: Attard Joseph, 95, Violet, Triq Brared, Birkirkara

Notification Respondent: Attard Joseph, 95, Violet, Triq Brared, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Settembru, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Register of the Superior Courts, today 28th September, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1984

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Settembru, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Jane Vassallo et vs Paul Attard, Rikors numru 273/2023JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Paul Attard a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 20th September, 2023, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Jane Vassallo et vs Paul Attard, Application number 273/2023JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Paul Attard in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Jane Vassallo (KI 163539M), Carmelina Vella (KI 356041M) Josephine Cassar (KI 513444M), Eileen Micallef (KI 707247M) u Mary Debattista (KI 503049M) vs Paul Attard (KI 132650M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-18 ta' Mejju, 2023, ir-rikorrenti Jane Vassallo (KI 163539M), Carmelina Vella (KI 356041M), Josephine Cassar (KI 513444M), Eileen Micallef (KI 707247M) u Mary Debattista (KI 503049M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

By means of an application in the names Jane Vassallo (ID 163539M), Carmelina Vella (ID 356041M) Josephine Cassar (ID 513444M), Eileen Micallef (ID 707247M) and Mary Debattista (ID 503049M) vs Paul Attard (ID 132650M) filed before the Rent Regulation Board, on the 18th May, 2023, the applicants Jane Vassallo (ID 163539M), Carmelina Vella (ID 356041M), Josephine Cassar (ID 513444M), Eileen Micallef (ID 707247M) and Mary Debattista (ID 503049M) requested this Honourable Board to:

1. Jaħtar Perit Tekniku bil-għan li jivvaluta skont is-suq miftuħ u liberu u frank l-fond numru Flat 3, Esther Flats, 218, Triq il-Bwieraq, Birkirkara;

2. Iwettaq it-test tal-mezzi tal-intimat u jiddetermina jekk l-istess intimat jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

3. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimat ma' jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tal-mezzi:

a. Ixolji l-kirja favur l-intimat tal-fond Flat 3, Esther Flats, 218, Triq il-Bwieraq, Birkirkara;

b. Jagħti żmien perentorju lill-intimat sabiex jivvaka l-fond u jirrilaxxah battal u f'kundizzjoni tajba favur l-esponenti;

c. Jagħti dawk il-provvedimenti oħra kollha xierqa, inkluż li jistabbilixxi l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti għall-użu tal-fond;

4. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimat jissodisfa l-kriterji tad-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi:

a. Jistabbilixxi l-kera li għandu jitħallas mill-inimtat għall-użu tal-fond inkwistjoni;

b. Jistabbilixxi dawk il-kundizzjonijiet l-oħra ta' din il-kirja, ġusti fis-suq miftuħ tal-lum, fosthom li l-inkwilin ma jistax iċedi l-kirja jew jissuloka l-fond, jew xi parti minnu lil terzi, li ma jistax jagħmel tibdil strutturali fil-fond, u li jkun obbligat li jwettaq it-tiswijiet kollha meħtieġa fl-istess fond, ħlief għal tiswijiet strutturali li jsiru meħtieġa mingħajr ħtijiet tal-intimat.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa inġunt minn issa in subizzjoni

Notifika: Paul Attard, Flat 3, Esther Flats 218, Triq il-Bwieraq, Birkirkara

L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Jane Vassallo et vs Paul Attard, Rikors numru 273/2023JG, jinsab differit għall-20 ta' Ottubru, 2023 fid-9.10 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ottubru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Nominate an Architect to valuate according to the open market and free and unencumbered the premises number Flat 3, Esther Flats, 218, Triq il-Bwieraq, Birkirkara;

2. Carry out the means test of the respondent and determine whether the same respondent meets the criteria for income and capital of the means test.

3. In the event that this Board finds that the respondent does not meet the criteria of the means test of income and capital:

a. Dissolve the lease in favour of the respondent of the premises Flat 3, Esther Flats, 218, Triq il-Bwieraq, Birkirkara;

b. give the respondent a period of time to vacate the premises and release its vacant possession in good condition in favour of the applicant;

c. Give those all those provisions, including those to establish a compensation that shall be paid to the applicants for the use of the premises;

4. In the event that this Board finds that the respondent meet the criteria of the means tests for income and capital:

a. Establish the rent that has to be paid by the respondent for the use of the premises in question;

b. It establishes those other conditions of this lease, just conditions on today's open market, among which the respondents cannot give up or assign the lease of the premises or in part or in toto to a third party who is unable to make structural changes, and who is obliged to carry out all necessary repairs in the same premises, except for structural repairs that become necessary without the respondent fault or negligence.

With costs against the respondent who is hereby summoned so that a reference to his oath be made.

respondent: Paul Attard, Flat 3, Esther Flats 218, Triq il-Bwieraq, Birkirkara

Housing Authority

The application in the names Jane Vassallo vs Paul Attard, Application number 273/2023JG, has been postponed for hearing to the 20th October, 2023, at 9.10 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 6th October, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603